**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 7**

L-Erbgħa, 18 ta' Mejju 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal l-Onor. Michael Falzon u l-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża l-Onor. Miriam Dalli, kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli l-Onor. Roderick Galdes, l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, l-Onor. Robert Arrigo u l-Onor. Ian Vassallo kienu skużati.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 6 li saret fis-17 ta' Mejju 2022 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MID-SEDJA**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li dakinhar is-Sedja rċeviet mill-Awditur Ġenerali rapport u qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 132 Rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem *Joint Report on Management of Plastic Waste in Europe* datat April 2022.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet in-numru 14 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 133 Tabella li turi d-dati li fihom iltaqa' l-Bord tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi u l-istanzi fejn kien hemm membri assenti, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 118; u

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagh, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 134 *External Quality Assurance Audit Report* maħruġ mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla dwar audit li sar fuq l-Università ta' Malta bejn l-20 u l-24 ta'April 2015, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 252.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. INDIRIZZ B'RISPOSTA GĦAD-DISKORS TAL-PRESIDENT TA' MALTA (KONT.)**

Il-Kamra rriżumiet mis-17 ta' Mejju 2022 id-diskussjoni fuq l-Indirizz b'Risposta għad-Diskors tal-President.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Keith Azzopardi Tanti, l-Onor. Rosianne Cutajar, l-Onor. Randolph Debattista, l-Onor. Andy Ellul u l-Onor. Clayton Bartolo għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Robert Cutajar u l-Onor. Graziella Galea, għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Il-mozzjoni għaddiet.

**2. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI – ABBOZZ NRU 1**

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap.217".

L-Onor. Omar Farrugia ssekonda.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Byron Camilleri, l-Onor. Rebecca Buttigieg u l-Onor. Amanda Spiteri Grech għan-naħa tal-Gvern.

Il-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar, informa lill-Kamra li kien hemm qbil li l-ewwel kelliem tal-Oppożizzjoni fuq dan l-Abbozz kellu jitkellem fis-seduta tat-Tnejn, 23 ta' Mejju 2022.

Id-Deputy Whip, l-Onor. Naomi Cachia, ikkonfermat dan il-qbil.

Fis-6.49 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

Il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onor. Alison Zerafa Civelli, ipproponiet l-aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 23 ta' Mejju 2022 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali | Tieni Qari |

Jew xi aġenda oħra l tista' tiġi komunikata aktar 'il quddiem.

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni mill-Onor. Ivan Castillo, l-Onor. Rebekah Cilia u mill-Onor. Darren Carabott.

Fis-7.22 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għat-Tnejn, 23 ta' Mejju 2022 fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**